



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 1 ta' Diċembru 2017
(OR. en)

15320/17

RECH 404
COMPET 851

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 14469/17	
Suġġett:	Mill-Evalwazzjoni Interim ta' Orizzont 2020 lejn id-Disa' Programm Qafas - Konklużjonijiet tal-Kunsill (adottati fl-01/12/2017)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar “Mill-Evalwazzjoni Interim ta' Orizzont 2020 lejn id-Disa' Programm Qafas”, adottati mill-Kunsill fit-3580 laqgħa tiegħu li saret fl-1 ta' Diċembru 2017.

KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL**Mill-Evalwazzjoni Interim ta' Orizzont 2020 lejn id-Disa' Programm Qafas****IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA****FILWAQT LI JFAKKAR:**

- li wieħed mill-obiettivi tal-Unjoni huwa t-tisħiħ tal-bażijiet xjentifiċi u teknoloġiċi tagħha billi toħloq Żona Ewropea tar-Riċerka li fiha r-riċerkaturi, l-għarfien xjentifiku u t-teknoloġija jiċċirkolaw b'mod liberu, u li tinkoraġġixxi lill-Unjoni ssir aktar kompetittiva, inkluż l-industrija tagħha, u jenħtieġ li l-Programm Qafas ta' RŻI tal-Unjoni Ewropea jikkontribwixxi biex jintlaħaq dak l-objettiv;
- fil-konklużjonijiet tiegħu tat-8 ta' Diċembru 2011 dwar is-Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni¹ li fihom il-Kunsill enfasizza l-ħtieġa li jinħoloq xenarju ġenerali trasparenti u aċċessibbli ta' programmi u strumenti għall-partijiet involuti kollha u nnota l-ħtieġa għal razzjonalizzazzjoni biex jiġu evitati d-duplikazzjoni u s-sovrappożizzjoni;
- fil-konklużjonijiet tiegħu tad-29 ta' Mejju 2015 dwar il-Pjan Direzzjonali 2015-2020² għaż-Żona Ewropea tar-Riċerka li fihom stieden lill-KŻER, f'kooperazzjoni mill-qrib, u fejn rilevanti b'kontribut adatt minn korpi rilevanti, biex jivvaluta l-koerenza ta' inizjattivi konġunti, speċjalment dawk iffinanzjati mill-Unjoni Ewropea, b'enfasi fuq il-valur miżjud tal-UE, il-fattibilità, il-massa kritika, il-komplementarjetà u l-impatt tagħhom;

¹ 18349/11

² 9351/15

- fil-konklużjonijiet tiegħu tas-27 ta' Mejju 2016 dwar PK7 u l-Prospetti Futuri: L-investimenti fir-riċerka u l-innovazzjoni għal tkabbir, impjiegi u soluzzjonijiet għall-isfidi soċjali³ li fihom il-Kunsill enfasizza li jridu jiġu żgurati l-bilanċ, il-koerenza u l-komplementarjetà bejn is-sħubiji u l-proġetti kollaborattivi u stieden lill-Kummissjoni biex tanalizza jekk, u kif, ser tippromwovi grad suffiċjenti ta' ftuħ tan-netwerks ta' riċerka u innovazzjoni ffinanzjati mill-UE, filwaqt li tiġi rrispettata l-awtonomija tar-riċerka;
- fil-konklużjonijiet tiegħu tas-27 ta' Ġunju 2016⁴ dwar ir-Rapport Speċjali Nru 4/2016 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri li fihom il-Kunsill talab lill-Kummissjoni u l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (IET) biex jirrapportaw lill-Kunsill dwar l-azzjonijiet meħuda sa nofs l-2017;
- fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tad-19 ta' Ottubru 2017⁵ li fihom enfasizza l-kontribut tar-R&Ż għad-diġitalizzazzjoni l-intraprenditorija u l-innovazzjoni rivoluzzjonarja;
- fil-Konklużjonijiet tiegħu tal-15 ta' Novembru 2017⁶ dwar l-Elementi Strateġiċi tal-Politika ta' Koeżjoni wara l-2020 li fihom il-Kunsill jenfasizza l-importanza tas-sinerġiji u l-komplementarjetà bejn programmi ta' finanzjament tal-UE;
- fl-opinjoni tal-KŻER⁷ tas-7 ta' Lulju 2017 dwar l-Evalwazzjoni Interim ta' Orizzont 2020 u t-tnejniet għall-Programm Qafas (PQ) li jmiss li fih il-KŻER jirrikonoxxi li l-PQ jiġġeneraw valur miżjud tal-UE sostanzjali, b'mod partikolari billi jgħaqqad u jmexxi l-kollaborazzjonijiet ta' ekosistemi ta' **riċerka u innovazzjoni** (R&I) madwar l-Ewropa kollha, iżda jisħaq ukoll fuq il-ħtieġa għal aktar ftuħ attiv u simplifikazzjoni, kif ukoll jitlob li l-PQ għandhom **jikkontribwixxu** għal politiki settorjali oħra tal-UE u **jippromwovu** dialogu aħjar u kontinwu [...] maċ-ċittadini Ewropej;

³ 9527/16

⁴ 10628/16

⁵ EUCO 14/17

⁶ 14263/17

⁷ ERAC 1207/17

- fir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew (PE) tat-13 ta' Ġunju 2017 dwar il-valutazzjoni tal-implimentazzjoni ta' Orizzont 2020 fid-dawl tal-evalwazzjoni interim tiegħu u tal-proposta għad-9 Programm Qafas⁸ li fiha l-PE jappella għal żieda fil-baġit ġenerali li tammonta għal EUR 120 biljun għad-disa' PQ.
- 1. FILWAQT LI JQIS li l-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) għandu jkompli **jistimula tkabbir u joħloq impjiegi** permezz ta' programmi effettivi ħafna b'valur miżjud għoli tal-UE bħall-Orizzont 2020 (H2020)⁹.
- 2. FILWAQT LI JINNOTA li minkejja li n-nefqa domestika grossa fuq ir-riċerka u l-iżvilupp (GERD) żdiedet b'mod marġinali fl-aħħar snin, din irrappreżentat 2.03 % fl-2015 u **l-UE għadha 'l bogħod sew mill-mira ewlenija tagħha li tinvesti 3% tal-PDG fis-sena f'R&Ż**¹⁰.
- 3. FILWAQT LI JIEĦU NOTA tas-**Sejħa għall-Azzjoni ta' Tallinn 2017** "Naħtfu l-opportunità: ir-riċerka u l-innovazzjoni għall-futur tal-Ewropa"¹¹ li tisħaq l-importanza tal-iżgurar ta' investimenti fir-riċerka u l-innovazzjoni, iż-żieda fl-impatt tal-investimenti fir-R&I u l-bini ta' fiduċja bejn ir-riċerka u s-soċjetà, u fi ħdan is-sistema tar-R&I.
- I. Żieda fl-impatt tar-R&I Ewropea**
- 4. JENFASIZZA li **r-R&I huma essenzjali** għall-iżgurar ta' tkabbir ekonomiku sostenibbli fit-tul, il-kompetittività industrijali, l-inklużjoni soċjali u l-indirizzar tal-isfidi soċjali ewlenin, eż. kif definit fl-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti kif ukoll l-għanijiet stabbiliti fl-Istrateġija Ewropea 2020 u fid-Dikjarazzjoni ta' Ruma¹².

⁸ P8_TA-PROV(2017)0253

⁹ Kunsill Affarijiet Ġenerali, 7 ta' Marzu 2017 (7024/17).

¹⁰ EUCO 13/10

¹¹ https://www.hm.ee/sites/default/files/tallinn_call_for_action_2017.pdf

¹² Dikjarazzjoni tal-25 ta' Marzu 2017 tal-mexxejja ta' 27 Stat Membru u tal-Kunsill Ewropew, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea.

5. JIRRIKONOXXI li l-konformità ma' dawn il-prijoritajiet ambizzjużi teħtieġ sistemi ta' **R&I nazzjonali bi prestazzjoni tajba ħafna u li huma ffinanzjati b'mod tajjeb**, u għaldaqstant, JAPPELLA lill-Istati Membri flimkien mas-settur privat biex jagħmlu hilitom biex iżidu l-investimenti tagħhom fir-R&I biex flimkien jilhq u l-għan ta' 3% u biex jieħdu aktar miżuri biex iżidu l-kwalità u l-impatt ta' dawn l-investimenti, inkluż riformi nazzjonali, fejn rilevanti. Filwaqt li jqis ir-rakkomandazzjoni tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar il-massimizzazzjoni tal-impatt tar-Riċerka u l-Innovazzjoni tal-UE¹³ (minn hawn 'il quddiem il-Grupp ta' Livell Għoli), JENFASIZZA l-ħtieġa li tingħata prijorità lir-R&I fil-politiki u l-programmi kollha rilevanti tal-UE, inkluż fondi sinifikanti tal-UE għall-Programm Qafas (PQ) li jmiss tar-RŻI mingħajr preġudizzju għall-QFP li jmiss.
6. JISSOTTOLINJA li r-R&I għandhom rwol importanti fit-twettiq ta' valuri Ewropej komuni¹⁴, li huma s-sisien tal-kooperazzjoni, il-moviment liberu tal-persuni u l-ideat, u l-ugwaljanza bejn is-sessi. Għaldaqstant, ITENNI l-importanza ta' sforzi konġunti kontinwi mill-Istati Membri u l-Kummissjoni għall-iżvilupp u t-tisħiħ ulterjuri taż-**Żona Ewropea tar-Riċerka** (ŻER). JISĦAQ li l-PQ huwa l-istrument ewlieni fil-livell tal-UE biex titrawwem kooperazzjoni transnazzjonali u interdixxiplinari kompetittiva tar-R&I u, b'hekk, jappoġġa l-oġettivi u l-implimentazzjoni taż-ŻER.
7. FILWAQT LI JIRRIKONOXXI li l-impatti ekonomiċi tal-finanzjament pubbliku tar-R&I huma sinifikanti, JISĦAQ fuq l-importanza ta' valutazzjoni tal-**impatt fit-tul tar-R&I** fid-dimensjonijiet kollha tagħha fir-rigward tal-għanijiet ta' politika oħra u kwistjonijiet soċjali iktar ġenerali, l-espansjoni tad-definizzjoni ta' impatt biex tqis id-diversità tar-R&I għall-għarfien u s-soċjetà. JITLOB lill-Kummissjoni tirrapporta dwar l-aġenda għall-iżvilupp ta' metodi ta' evalwazzjoni komuni inkluż mudelli makroekonomiċi u għodod għat-tfassil, kif propost fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill tas-27 ta' Mejju 2016.

¹³ "LAB — FAB — APP Ninvestu fil-futur Ewropew li rridu"
https://ec.europa.eu/research/evaluations/pdf/archive/other_reports_studies_and_documents/hlg_2017_report.pdf#view=fit&pagemode=none

¹⁴ kif dikjarati fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

8. JINKORAĠĠIXXI rabta akbar tar-R&I ma' politiki settorjali oħra fil-livell tal-UE u dawk nazzjonali u reġjonali, u JISĦAQ fuq l-importanza li jinħolqu kondizzjonijiet qafas u ambjent regolatorju li jiffavorixxu aktar lir-R&I. JIRRIKONOXXI l-importanza ta' approċċ immexxi mill-isfidi għar-R&I fl-UE, u JINNOTA bi tħassib li aktar integrazzjoni mal-politiki tal-UE u **koerenza ma' programmi oħra ta' finanzjament tal-UE huma mxekkla** minn loġika ta' intervent nonkomplementari differenti u l-kumplessità tad-diversi fondi u regolamenti oħra bħar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat. JITLOB lill-Kummissjoni biex tirrieżamina l-leġislazzjoni tal-UE dwar ir-regoli tal-għajnuna mill-istat għar-R&I biex titqies il-kompetittività globali tal-UE, filwaqt li jiġu evitati distorsjonijiet tal-kompetizzjoni fis-suq tal-UE.

II. Prinċipji ewlenin fit-tħejjija tad-disa' Programm Qafas

9. JILQA' d-Dokumenti ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni¹⁵ dwar l-evalwazzjoni interim ta' Orizzont 2020 kif ukoll ir-rapport tal-Grupp ta' Livell Għoli li jipprovdi bażi tajba għad-diskussjonijiet dwar il-PQ li jmiss u JENFASIZZA li **l-kollaborazzjoni dwar ir-R&I fil-livell tal-UE kienet eżempju tajjeb ħafna ta' kooperazzjoni u integrazzjoni Ewropej**¹⁶.
10. JISSOTTOLINJA li **l-kooperazzjoni, l-eċċellenza, l-impatt u t-trasparenza** huma l-prinċipji fundamentali tad-disa' PQ biex jikseb l-oġettivi ġenerali u strateġiċi tiegħu u JENFASIZZA li l-eċċellenza hija l-kriterju ta' evalwazzjoni prinċipali tad-disa' PQ. JIRRIKONOXXI li Orizzont 2020 huwa programm attraenti ħafna, li l-proġetti tiegħu qed jipproduċu riżultati xjentifiċi, teknoloġiċi u innovattivi ta' kwalità għolja u li għandu valur miżjud tal-UE konvinċenti u eċċellenti u JENFASIZZA li **l-valur miżjud tal-UE** jeħtieġ li jkun **il-mutur ewleni** għat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-PQ li jmiss.

¹⁵ 9791/17 +ADD 1-3, 12983/17, 12987/17, 12988/17, 12990/17, 13448/17 u 13449/17.

¹⁶ 6952/17+ ADD 1-2: "White paper dwar il-ġejjieni tal-Ewropa, Riflessjonijiet u xenarji għall-UE27 sal-2025".

11. JISĦAQ fuq l-importanza ta' dialogu bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri fit-tħejjija u ta' kooperazzjoni mill-qrib fil-governanza u l-implimentazzjoni tad-disa' PQ, *fost oħrajn* biex jiġi żgurat li l-politiki nazzjonali u l-politika tal-Unjoni jiġu kkoordinati biex ikunu konsistenti b'mod reċiproku. JAPPELLA biex il-Kummissjoni flimkien mal-Istati Membri **jistabbilixxu b'mod konġunt u fi stadju bikri ħafna proċess strateġiku ta' programmazzjoni bħala parti mill-implimentazzjoni tad-disa' PQ** billi jiżviluppaw il-prijoritajiet tiegħu, inkluż missjonijiet futuri li jistgħu jsiru, u jiddeterminaw l-aqwa strumenti possibbli biex jinkisbu l-għanijiet identifikati.
12. JAPPELLA għal ambizzjoni mġedda fl-innovazzjoni u JENFASIZZA l-importanza li tiġi appoġġata l-katina sħiħa tal-valur tal-innovazzjoni, inklużi t-teknoloġiji rivoluzzjonarji b'riskju għoli. JENFASIZZA l-ħtieġa ta' **portafoll konsolidat ta' strumenti ta' finanzjament u inizjattivi Ewropej għall-innovazzjoni**. JENFASIZZA l-kontribut ta' teknoloġiji abilitanti essenzjali għall-kompetittività u t-tmexxija industrijali tal-UE u għalhekk JAPPELLA għal appoġġ kontinwu speċifiku għalihom fid-disa' PQ.
13. JIRRIKONOXXI li l-integrazzjoni tar-R&I fi programm wieħed bi struttura bi tliet pilastru żiedet l-impatt tagħhom, iżda għandhom jinkisbu rabtiet aktar effettivi bejn il-pilastru, b'kont meħud tal-oġettivi tagħhom stess, u sad-disa' PQ ir-riżultati għandhom ikunu jistgħu jiġu ttrasferiti aħjar fi proċessi, prodotti u servizzi innovattivi.

Ir-R&I ta' servizz għall-ekonomija u s-soċjetà

14. JIEĦU NOTA tar-rakkomandazzjoni tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar **approċċ orjentat lejn il-missjoni u ffukat fuq l-impatt** u JAPPELLA lill-Kummissjoni sabiex flimkien mal-Istati Membri tesplora l-iżvilupp ta' approċċ strateġiku, interdixxiplinari u orjentat lejn il-missjoni sabiex jiġu indirizzati l-isfidi miftiehma b'mod komuni b'dimensjoni Ewropea li tappoġġa l-kompetittività industrijali, inkluż l-SMEs, filwaqt li jittieħed vantaġġ sħiħ mix-xjenzi soċjali u l-istudji umanistiċi, kif ukoll mit-teknoloġiji diġitali u daww abilitanti essenzjali, li jiġu implimentati permezz ta' portfoll ta' strumenti komplementari, inkluż strumenti ta' sħubija.

15. JAGĦRAF il-ħtieġa li l-pubbliku ġenerali jintlaħaq aktar u li jiġu riflessi aħjar il-fehmiet u l-bżonnijiet tal-partijiet ikkonċernati, l-utenti u ċ-ċittadini fl-aġendi tar-R&I. JISSUĠĠERIXXI lill-Kummissjoni biex tniedi proġett pilota biex jiġu involuti ċ-ċittadini fil-proċess tat-tfassil tal-aġenda. JENFASIZZA l-importanza tat-tixrid u l-isfruttar b'mod effettiv tar-risultati tar-R&I fil-livell tal-proġetti u l-programmi u JINKORAĠĠIXXI lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiżviluppaw b'mod konġunt pjan ta' azzjoni komuni **biex jittejjbu l-komunikazzjoni u l-interazzjoni mas-soċjetà u l-partijiet ikkonċernati**, u jiġi promoss it-tixrid u l-isfruttar tar-risultati fl-Ewropa, filwaqt li jiġu rrispettati d-drittijiet tal-proprietà intellettuali.
16. JAGĦRAF li l-kompetittività Ewropea tiddependi fuq id-disponibbiltà ta' persuni b'edukazzjoni għolja u ta' ħila, inkluż riċerkaturi u innovaturi, biex jiġu indirizzati l-isfidi tal-futur, fuq it-taħriġ komprensiv u kontinwu tagħhom, kif ukoll **fuq iċ-ċirkolazzjoni effettiva ta' ideat u għarfien ġodda** bejn ir-riċerka, l-industrija u l-edukazzjoni; JIRRAKKOMANDA li jiġu stabbiliti rabtiet u koerenza aktar b'saħħithom bejn iż-ŻER u ż-Żona Ewropea ta' Edukazzjoni Għolja billi jiġi esplorat kif il-programmi suċċessuri ta' Erasmus+ u Orizzont 2020 jistgħu jgħolqu rabta aħjar bejn l-oġettivi u l-prijoritajiet komuni fil-limiti tal-baġits rispettivi u l-prinċipji ta' evalwazzjoni tagħhom, filwaqt li jiġi rrispettat il-prinċipju tas-sussidjarjetà; JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li jiġu appoġġati kondizzjonijiet tax-xogħol attraenti, inkluż għal riċerkaturi li għadhom fil-bidu tal-karriera tagħhom, u bidla kulturali, inkluż l-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi u l-promozzjoni ta' forom oħra ta' diversità, fl-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja u l-organizzazzjonijiet tar-riċerka madwar l-Ewropa kollha biex titjieb l-eċċellenza xjentifika u jiġu attirati u miżmuma t-talenti.

17. JIRRIKONOXXI li s-soċjetajiet qed isiru dejjem aktar immexxija mill-ġarfien u li **l-moviment liberu tad-data tar-riċerka**¹⁷ u **l-ġarfien** huwa essenzjali għal ŻER li jiffunzjona b'mod sħiħ. JENFASIZZA li x-Xjenza Miftuħa, pereżempju l-awtorizzazzjoni ta' aċċess miftuħ għall-pubblikazzjonijiet u, fejn xieraq, għad-data tar-riċerka, taqdi rwol kruċjali biex tingħata spinta lill-impatt u t-trasparenza tar-R&I, u biex ix-xjenza u s-soċjetà joqorbu aktar lejn xulxin. JENFASIZZA l-ħtieġa li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jikkooperaw mill-qrib fir-rigward tax-Xjenza Miftuħa, inkluż għall-implimentazzjoni tal-prinċipji FAIR¹⁸ b'kont meħud tal-prinċipju "miftuħ kemm jista' jkun, magħluq kemm meħtieġ".

Razzjonalizzazzjoni tax-xena tal-finanzjament tar-R&I

18. JAGĦRAF li s-sħubiji tar-R&I huma element importanti tal-politika tar-R&I tal-UE, iżda JENFASIZZA li x-xena tal-finanzjament tal-UE għar-R&I saret kumplessa wisq, anke minħabba l-ġhadd dejjem jiżdied ta' strumenti u inizjattivi tas-sħubija tar-R&I¹⁹ fil-PQ li jirriflettu approċċ immexxi mill-istrumenti. JAPPELLA lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex flimkien **jikkunsidraw modi kif tista' tiġi razzjonalizzata x-xena ta' sħubija tar-R&I tal-UE**, pereżempju billi jiġu integrati strumenti²⁰ simili filwaqt li tiġi stabbilita loġika ċara ta' intervent għal kull strument, jiġi definit sett bażiku ta' indikaturi tal-prestazzjoni ewlenin komparabbli, jiġu żgurati rabtiet aktar mill-qrib bejn l-inizjattivi tas-sħubija u l-politiki tal-UE u dawk nazzjonali, jiġi pprovdut kofinanzjament sostanzjali mill-PQ għal oqsma konformi ma' prioritajiet tal-PQ miftiehma biss, u jitneħħew l-ostakli għad-dħul għall-atturi tar-R&I ġodda u iżgħar. JAPPELLA lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex jirriflettu fuq is-sehem adatt u l-possibbiltà li jiġi ffixxat limitu massimu għall-istrumenti ta' sħubija fil-baġit tal-PQ matul in-negozjati tad-disa' PQ.

¹⁷ filwaqt li jiġu rispettati d-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, il-kunfidenzjalità, it-tħassib dwar is-sigurtà, il-kompetittività Ewropea u interessi leġittimi oħra.

¹⁸ Findable, Accessible, Interoperable and Reusable (Traċċabbli, Aċċessibbli, Interoperabbli u Riutilizzabbli).

¹⁹ Dan jinkludi inizjattivi ta' sħubija bbażati fuq tipi differenti ta' strumenti ta' sħubija, bħall-Inizjattivi ta' Programmazzjoni Konġunta, Inizjattivi skont l-Artikoli 185 u 187 TFUE, Sħubiji Pubbliċi u Privati (PPPs) kuntrattwali, il-Komunitajiet ta' Konoxxenza u Innovazzjoni (KKI) tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT), ERA-, il-programmi konġunti Ewropej u t-Teknoloġiji Futuri u Emerġenti (FET) Ewlenin, b'kont meħud tal-bażijiet legali differenti tagħhom.

²⁰ Bħall-istrumenti ta' kofinanzjament: ERANETs, EJP Cofund.

19. JENFASIZZA li **s-sħubiji tar-R&I fil-PQ għandhom jiġu implimentati abbażi tal-prinċipji** tal-valur miżjud tal-UE, it-trasparenza, il-ftuħ, l-impatt, l-effett ta' lieva, l-impenn finanzjarju fit-tul tal-partijiet kollha involuti, il-flessibbiltà, il-koerenza u l-komplementarjetà ma' inizjattivi tal-UE, nazzjonali u reġjonali. L-inizjattivi ta' sħubija kollha għandu jkollhom strateġija ta' ħruġ mill-finanzjament tal-PQ. JAPPELLA lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex **jistabbilixxu b'mod konġunt proċess ta' koordinazzjoni fuq perijodu twil u strateġiku** għas-sħubiji tar-R&I, inkluż struttura ta' governanza, marbuta mal-proċess ta' pprogrammar strateġiku kif stabbilit fil-paragrafu 11, sabiex tiġi żgurata konformità ma' dawn il-prinċipji fl-għażla, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-eliminazzjoni gradwali tal-inizjattivi tas-sħubija kollha tar-R&I tal-UE. JENFASIZZA li l-proċess ta' koordinazzjoni strateġika għandu jiġi kkunsidrat fl-iżvilupp tad-disa' PQ u fil-governanza futura taż-ŻER. JISTIEDEN lill-Istati Membri biex jiżguraw il-koordinazzjoni ta' politiki u riżorsi nazzjonali rilevanti fir-rigward ta' prijoritajiet miftiehma ta' sħubiji.
20. F'dan il-kuntest, JILQA' t-twaqqif tal-Grupp ta' Ħidma ad hoc tal-KŻER dwar is-sħubiji tar-R&I biex iħeġji l-proċess ta' koordinazzjoni strateġiku billi jipproponi per eżempju kriterji biex jintgħażlu, jiġu eliminati, immonitorjati u eliminati gradwalment is-sħubiji tar-R&I bbażati fuq il-prinċipji gwida, għażliet għar-razzjonalizzazzjoni tax-xenarju tas-sħubiji tar-R&I u t-twaqqif u l-implimentazzjoni ta' dan il-proċess. JITLOB lill-KŻER biex jirrapporta lill-Kunsill mhux aktar tard minn Mejju 2018.
21. JIRRIKONOXXI l-valur tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT) u l-**Komunitajiet ta' Konoxxenza u Innovazzjoni (KKI)** tiegħu u r-rwol tiegħu li jappoġġa t-triangolu tal-għarfien, u JILQA' r-rispons tal-Kummissjoni u l-EIT għall-Konklużjonijiet tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2016. JENFASIZZA l-ħtieġa li jiġu **ssimplifikati aktar il-proċeduri relatati** mal-KKI tal-EIT sabiex ikunu jeħtieġu anqas riżorsi u biex jiġu żgurati sinerġiji u kooperazzjoni aħjar bejn il-KKI u attivitajiet oħra tal-PQ. JENFASIZZA l-ħtieġa li l-KKI jiżguraw ftuħ, trasparenza u inklużività u JTENNI li l-KKI għandhom jiżviluppaw strateġiji b'saħħithom għas-sostenibbiltà finanzjarja.

22. JIEĦU NOTA tat-tnedija tal-proġett pilota tal-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni (EIC), li għandu jipprovdi kontribut għat-tfassil tal-EIC futur possibbli. JENFASIZZA li l-EIC futur possibbli għandu jkun element importanti tal-miżuri tal-UE biex jappoġġa innovazzjonijiet eqreb tas-suq u li **dan għandu jagħti valur miżjud u jgħin fit-tisħiħ tal-ekosistema tal-innovazzjoni**, inkluż ir-rabtiet bejn l-universitajiet, l-organizzazzjonijiet teknoloġiċi u tar-riċerka, il-kumpanniji ta' kull daqs, b'mod partikolari l-SMEs u n-negozji ġodda, u l-innovaturi, isaħħaħ l-adozzjoni ta' riżultati tar-R&I, jappoġġa innovazzjonijiet ġodda u jespandi l-kumpanniji innovattivi u jikkontribwixxi għas-simplifikazzjoni tax-xenarju tal-appoġġ tal-innovazzjoni. JENFASIZZA li l-attivitajiet nazzjonali u tal-UE attwali għall-finanzjament tal-innovazzjoni għandhom jitqiesu meta jitfassal l-EIC futur possibbli sabiex jiġu żgurati s-sinerġiji u tiġi evitata d-duplikazzjoni.
23. JENFASIZZA l-importanza ta' **sinerġiji u komplementarjetajiet imtejba bejn il-PQ u strumenti oħra ta' finanzjament tal-UE**. Għaldaqstant JIKKUNSIDRA li r-regolamenti għall-PQ li jmiss u għall-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej, kif ukoll ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat u kwalunkwe programm ieħor tal-UE rilevanti, għandhom ikunu, sa mill-ħolqien tagħhom, iddisinjati b'sinerġiji, koerenza, kompatibbiltà u komplementarjetà sabiex jiġu pprovduti kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għal proġetti simili taħt modalitajiet differenti ta' ġestjoni u sabiex tiġi kkunsidrata armonizzazzjoni tar-regoli ta' finanzjament għar-R&I lejn dawn tal-PQ.

Ftuħ u aċċessibbiltà

24. JENFASIZZA l-importanza **li jinkisbu impatt u rilevanza usa' pan-Ewropej** billi jiġi sfruttat il-potenzjal ta' eċċellenza kollu tar-R&I fl-Ewropa, inkluż billi tiżdied il-parteciġazzjoni ta' atturi ġodda, pereżempju, fl-infrastrutturi tar-riċerka, f'sejħiet għall-finanzjament relatat ma' ħtiġijiet soċjetali komuni jew billi tiġi mmirata adoxxjoni fis-suq usa'; JENFASIZZA l-prattiċi tajbin ta' attivitajiet ta' COST f'dan il-kuntest. JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex tiżviluppa aktar il-proċess ta' evalwazzjoni billi pereżempju tippromwovi d-diversità f'pannelli ta' evalwazzjoni mistura, tiggwida evalwazzjonijiet, fejn possibbli, u ttipproponi miżuri biex jippromwovu ċ-ċirkolazzjoni tal-imħuħ u jiffaċilitaw il-ftuħ ta' networks tar-R&I.

25. JINNOTA bi tħassib li l-livell ta' parteċipazzjoni ta' għadd ta' Stat Membri f'H2020 għadu baxx u li l-progress għadu mhux biżżejjed meta mqabbel mal-PQ7. JIRRIKONOXXI li d-differenza fil-parteċipazzjoni u l-qasma fl-innovazzjoni għandhom ikomplu jiġu indirizzati permezz ta' diversi miżuri u inizjattivi, kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak tal-UE, inkluż l-istrumenti tal-Politika ta' Koeżjoni. JIRRIKONOXXI li miżuri li jindirizzaw it-**Tixrid tal-Eċċellenza u Firxa tal-Parteċipazzjoni** (SEWP) għandhom ikomplu u għandhom jissaħħu, inkluż billi jiġu mmonitorjati s-SEWP bħal kwistjoni trasversali.
26. JIRRIKONOXXI l-importanza li tissaħħa il-**kooperazzjoni internazzjonali** fil-PQ u JTENNI MILL-ĠDID l-importanza tar-reċiproċità. JAPPOĠĠA lill-Kummissjoni fl-isforzi tagħha li tinkoraġġixxi lill-pajjiżi sħab internazzjonali biex jistabbilixxu strument iddedikat stabbli (pereżempju fondi korrispondenti) biex jippermetti l-parteċipazzjoni fil-Programmi Qafas. JISTIENEN lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri flimkien mal-Pajjiżi Assoċjati biex jesploraw sinerġiji bejn il-PQ u l-istrategġiji nazzjonali tar-R&I, strutturi operattivi, strumenti u networks biex jappoġġaw il-koordinazzjoni strateġika tal-kooperazzjoni internazzjonali fil-PQ. JISTIENEN lill-Kummissjoni biex tinteraġixxi mill-qrib mal-Istati Membri dwar il-modalitajiet għall-assoċjazzjoni ma' pajjiżi terzi mal-PQ.

Implimentazzjoni

27. JIRRIKONOXXI li r-rata baxxa ta' suċċess qed tnaqqas l-attrattività tal-programm. Għalhekk JISTIENEN lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jesploraw b'mod konġunt modi **kifitnaqqas is-sottoskrizzjoni żejda** meta jħejju l-PQ li jmiss, kif ukoll biex jimplimentaw miżuri speċifiċi li diġà jinsabu f'H2020, pereżempju billi jipprovdu rispons komprensiv lill-applikanti, u jużaw proċess ta' applikazzjoni f'żewġ stadji, fejn adegwat, filwaqt li jiggwidaw metodi oħra biex tiġi mmodernizzata u tittejjeb aktar il-kwalità tal-proċess ta' evalwazzjoni.

28. JENFASIZZA l-importanza ta' riċerka kollaborattiva u ta' attivitajiet innovattivi li jkopru l-firxa kollha ta' Livelli ta' Tħejjija Teknoloġika (TRL). JAPPELLA sabiex jinżamm il-bilanċ attwali bejn il-proġetti kollaborattivi u l-attivitajiet b'benefiċjarju wieħed . JENFASIZZA li l-għotjiet għandhom ikomplu jkunu l-forma ewlenija tal-finanzjament fil-PQ, u l-istrumenti finanzjarji u l-garanziji baġitarji jistgħu jintużaw biex jappoġġaw it-tisħiħ u t-tkabbir ta' kumpanniji innovattivi u attivitajiet eqreb tas-suq.
29. JIRRIKONOXXI li sar progress sostanzjali permezz ta' H2020 għas-**simplifikazzjoni u l-armonizzazzjoni** kemm fil-livell tal-programm kif ukoll f'dak tal-proġett. JINKORAĠĠIXXI lill-Kummissjoni biex tkompli bl-isforz li tissimplifika H2020 u ttejbu aktar fit-tfassil tal-PQ li jmiss u l-modalitajiet ta' implimentazzjoni tiegħu, inkluż l-użu faċli mill-utent u aċċettazzjoni usa' tal-prattiċi normali tal-kontabbiltà tal-benefiċjarji.
30. JENFASIZZA l-hteġa li jiġi stabbilit **qafas ta' monitoraġġ u evalwazzjoni** komprensiv flimkien ma' sett ta' indikaturi li japplikaw fil-PQ kollu, sabiex tiġi pprovduta ħarsa ġenerali tal-programm, inkluż intraċċar aktar effettiv u trasparenti tal-impatt xjentifiku, ekonomiku, soċjetali u politiku u tal-isfruttar tar-risultati tar-R&I fl-UE waqt u wara l-programm. JENFASIZZA li l-evalwazzjonijiet għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha stabbiliti fil-bażi legali tal-Programmi Qafas, pereżempju valutazzjoni bir-reqqa sa liema punt tintuża r-rinumerazzjoni addizzjonali lill-persunal f'H2020. JAPPELLA lill-Kummissjoni u l-Istati Membri sabiex ikomplu bl-isforzi biex jiżviluppaw sistema biex jitkejlu l-impatti tal-Programmi Qafas fil-livell nazzjonali b'mod komparabbli, billi jintuża sett bażiku ta' indikaturi.
31. ITENNI l-importanza strateġika tal-Kumitat tal-Programm u l-konfigurazzjonijiet tiegħu, JENFASIZZA l-importanza li l-Kumitat tal-Programm jiġi involut b'mod sħiħ u f'waqtu fl-istadji kollha tat-tfassil, it-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-programm ta' ħidma u JĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni biex tikkunsidra dan meta tfassal id-disa' PQ f'konformità mar-Regolament 182/2011 li jstabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni.